Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 32/2021 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI IPPREŻENTATA TAĦT L-ARTIKOLU 166A TAL-KAP. 12 BIN-NUMRU 2142/2020 FL-ISMIJIET: CARMELO SIVE CHARLES BIANCO (K.I. NRU 44368M) GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA' **WESTERN COMPANY LIMITED** V. **VINCENT BONELLO** (K.I. NRU 445170M) U **JACQUELINE BONELLO** (K.I. NRU 334572M)

(REVOKA TA' ITTRA UFFIĊJALI MAĦRUĠA TAĦT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 – KAP. 12 ART. 166A(5))

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**3 ta' Mejju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Vincent Bonello waħdu ("ir-rikorrent") ippreżentat fit-8 ta' Frar 2021,

wara li rat li r-rikors ġie a konjizzjoni tal-Qorti kif presjeduta fl-10 ta' Marzu 2021 u dan in vista tal-emerġenza li żviluppat fir-Reġistru tal-Qorti in vista tal-pandemija tal-Covid-19 b'kawża ta' liema kien hemm nuqqas kbir ta' ħaddiema li setgħu jipproċessaw l-atti ġudizzjarji,

wara li rat l-ordni *in camera* tal-Qorti tal-10 ta' Marzu 2021 maħruġa ai termini tal-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha l-Qorti *inter alia* tat ċans lil Carmelo sive Charles Bianco nomine ("l-intimat nomine") sabiex jekk jixtieq jirrispondi jagħmel dan fi żmien ġimgħa min-notifika lilu tar-rikors u tal-ordni u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-24 ta' Marzu 2021,

wara li rat ir-risposta tal-intimat nomine ippreżentata fit-18 ta' Marzu 2021[1],

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kawża u x-xhieda prodotti,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Johnaton Abela,
- tal-intimat nomine, mill-Avukat Dr. David Camilleri,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### L-att promotur u l-att risponsiv

1. Ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex *"I. tħassar, tannulla, tirrevoka u tirrexxindi l-ittra uffiċjali bin-numru 2142 tas-sena 2020 datata 13 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet Carmelo sive Charles Bianco (Kl: 44368M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited vs Vincent Bonello (K.I: 445170M) u Jacqueline Bonello (K.I: 334572M) maħruġa ai termini ta' 1-Artikolu 166A ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u konsegwentement, II. ai termini tal-Artikolu 98 tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara bħala ineffikaċi, bla effett u null kull att ġudizzjarju ieħor sussegwenti msejjes fuq tali ittra uffiċjali, senjatament il-mandat eżekuttiv ta'sekwestru bin-numru 7/2021"*. Intalbu ukoll l-ispejjeż b'riserva għal kull azzjoni oħra kompetenti lir-rikorrent.

2. L-intimat nomine min-naħa tiegħu rrisponda *inter alia* illi:

    - Ir-rikors ġie intavolat *fuori termine*,
    - Ir-rikors ġie nnotifikat b'mod validu lir-rikorrent
    - Waħda mill-premessi tat-talbiet tar-rikorrenti, u ċioe illi t-titolu esekuttiv in kwistjoni ittieħed b'qerq kbir, hija legalment insostenibbli stante illi ma' tirrafigurax ruħha taħt id-disposizzjonijiet tal-Art. 166A(5)(i) jew (ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta

### Provi

3. Fis-seduta tal-1 ta' April 2021 xehed il-Marixxal tal-Qorti **<u>Andrea Grixti</u>** li kien il-marixxal involut fin-notifika tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ *di seguito*

[1] Fol 9

għall-ittra uffiċjali in kwistjoni. Huwa esebixxa kopja tal-mandat (Dok AG1[2]) u spjega li kienu ġew imħallsin seba' notifiki u li kien hemm miktubin tmien sekwestratarji. Ikkonferma ukoll illi s-sekwestrat Vincent Bonello (r-rikorrent f'din il-kawża) ma' kienx ġie notifikat bil-mandat u lanqas biss kien hemm tentattiv f'dan is-sens.

4. Fl-istess seduta ppreżenta l-affidavit bil-ġurament tiegħu r-rikorrent **Vincent Bonello**. Dan spjega li huwa residenti ġewwa Block J, Flat 6, Housing Estate, Triq Giovanni Barbara, Hamrun. In sostenn tal-post ta'residenza tiegħu, apparti l-kopja tal-karta tal-identità li esebixxa mar-rikors promotur tiegħu (Dok Ċ[3]) r-rikorrent esebixxa mal-affidavit tiegħu kopja tal-liċenzja tas-sewqan u kopja ta' ittra minn Transport Malta. Dawn jindikaw l-indirizz tar-rikorrent bħala Fl 6, Blk J, Triq Giovanni Barbara, Hamrun. Ir-rikorrent iddikjara bil-ġurament tiegħu li huwa ilu għal tal-inqas ħames snin separat *de facto* minn ma' martu Jacqueline Bonello li tgħix ġewwa l-Fgura. Jgħid illi huwa qatt ma' beda proċeduri ta' separazzjoni legali minħabba kwistjoni ta' fondi. Finalment jisħaq li apparti illi sal-ġurnata tal-lum huwa baqa' ma' rċevix il-mandat ta' sekwestru, martu la qatt nfurmatu li kienet irċeviet xi ittri uffiċjali f'ismu u wisq anqas għaddietlu xi ittri uffiċjali.

5. In kontroeżami, ir-rikorrent *inter alia* xehed illi huwa ilu jgħix il-Ħamrun madwar għaxar (10) snin u li meta ffirma l-ftehim (li abbażi tiegħu nħarġet l-ittra uffiċjali in kwistjoni) mal-intimat nomine huwa kien urieh l-karta tal-identità u l-liċenzja tas-sewqan tiegħu li juru l-indirizz tal-Ħamrun. Dak iż-żmien tal-ftehim huwa kien diġà sseparat minn mal-mara tiegħu iżda peress illi ma' kienux separati legalment huwa kien ġie mitlub mill-intimat nomine sabiex martu ukoll tmur tiffirma l-ftehim. Filfatt skond ir-rikorrent il-ftehim jinkludi kemm l-indirizz tiegħu (Ħamrun) u kemm ta' martu (Fgura).

6. Fis-seduta tat-12 ta' April 2021 xehdet **Carmen Magro**, *usher* tal-Qorti, li esebiet vera kopja tal-ittra uffiċjali in kwistjoni flimkien ma' vera kopja tal-*pink cards* relattivi[4].

---

[2] Fol 22
[3] Fol 4
[4] Fol 33-37

7. Fl-istess seduta xehed **<u>Conrad Pisani</u>**, rappreżentant tal-kumpanija Western Company Limited, li *inter alia* spjega li fil-passat din il-kumpanija kienet ħarġet numru ta' ittri uffiċjali oħra lir-rikorrent fuq l-indirizz tal-Fgura u li dan kien dejjem avviċinahom wara li kien jirċievi l-ittri.

**Il-liġi**

8. Skond l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

*'Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ...'*

9. Ir-rikorrent qed jinvoka s-subinċiz (i) tal-Art. 166A(5) billi skond hu *"l-esponenti qatt ma ġie validament innotifikat u dan billi n-notifika tiegħu saret b'mod ħażin meta saret f'fond Ii l-esponenti ma' jgħix fih u saret lill-persuna li lanqas ma hija xi persuna Ii tgħix mal-esponenti u kwindi l-esponenti qatt ma seta' kien jaf bl-ittra in kwistjoni sabiex ikun jista jintavola n-nota ta ' risposta tieghu u jopponi ghall-istess talba skond ma jiddisponi l-artikolu 166A".*

**Eċċezzjoni preliminari – "ir-rikors ġie ppreżentat *fuore termine*"**

10. L-intimat nomine ressaq l-eċċezzjoni preliminari illi r-rikors ġie intavolat *fuore termine*, ċioe iżjed tard minn għoxrin ġurnata min-notifika tal-mandat eżekuttiv. F'dan ir-rigward jgħid hekk fir-risposta tiegħu:

*"Illi l-mandat ta' sekwestru li sar wara l-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi huwa l-mandat 7/21 li ġie akkordat fis-6 ta' Jannar 2021. Mandat ta' sekwestru jiġi notifikat immedjatament. Ir-rikors odjern mill-banda l-oħra ġie ppreżentat fit-8 ta' Frar 2021 - 33 ġurnata wara l-preżentata tal-mandat. Kwindi żgur illi tali rikors ġie ppreżentat*

*wara t-terminu ta' għoxrin ġurnata min-notifika tal-mandat ta' sekwestru. Ma jidhirx illi r-rikorrent ġie notifikat bil-mandat ta' sekwestru però l-liġi ma tgħidx li trid notifika lir-rikorrent. Lex voluit dicit. Sempliċiment issemmi notifika. In-notifiki lis-sekwestratarji saru fis-7 ta' Jannar 2021 u s-sekwestrat jiġi mmedjatament infurmat mill-banek illi flusu ġew affettwati b'mandat ta' sekwestru"*

11. L-intimat nomine huwa skorrett fl-asserzjoni tiegħu illi l-liġi ma' tirrikjedix li mandat jiġi notifikat lis-sekwestrat. Filfatt kemm l-Art. 278(1), li japplika fil-każ ta' mandati eżekuttivi in ġenerali, u kif ukoll l-Art. 377(2), li japplika għal mandat ta' sekwestru eżekuttiv, jirrikjedu li ssir notifika tal-mandat lis-sekwestrat. Ġaladarba l-mandat qatt ma' ġie nnotifikat lir-rikorrent, il-perjodu ta' għoxrin ġurnata prefiss bħala terminu sabiex jiġi intavolat dan ir-rikors baqa' qatt ma' skatta. Għalhekk din l-eċċezzjoni ma' jistħoqqiliex li tiġi akkolta.

**Notifika kif imiss**

12. Rigward kif għandha ssir in-notifika l-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi din tista' ssir:

    1. Bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura direttament lill-persuna li għandha tirċevieha u dan irrispettivament minn fejn tinstab din il-persuna, jew

    2. Billi l-kopja titħalla fl-indirizz postali, fil-post fejn toqgħod, jew fejn taħdem il-persuna li għandha tirċevieha, ma' persuna oħra (i) li tkun membru tal-familja jew tad-dar tagħha, jew (ii) li tkun fis-servizz tal-persuna li għandha tirċevieha, jew (iii) li tkun il-prokuratur tagħha, jew (iv) li tkun awtorizzata minn dik il-persuna sabiex tirċievi l-posta tagħha. L-importanti però huwa illi l-kopja ma' tistax titħalla f'idejn persuni ta' inqas minn 14-il sena jew f'idejn persuni li jkollhom diżordni mentali jew kundizzjoni li tagħmilhom inkapaċi li jixhdu fuq in-notifika in kwistjoni.

13. L-Artikolu 187(8) tal-Kap. 12 jipprovdi imbagħad li n-notifiki "*jistgħu ukoll isiru minn uffiċjali tal-Posta b'dak il-mod u skont dawk ir-regoli li jkunu konformi mar-regolamenti postali skont kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna b'avviż fil- Gazzetta*".

14. Fir-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12) jingħad fost affarijiet oħra illi:

- In-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba xi qorti ma tordnax xort'oħra, issir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta tiġi mpustata[5]

- Meta n-notifika tkun ser issir bil-posta, l-uffiċjali eżekuturi tal- qrati għandhom:

  - iħejju d-dokumenti postali meħtieġa għal dik in-notifika, u jippreżentaw l-envelopp relattiv bl-iskrittura magħluqa ġewwa fih fl-uffiċċju tal-posta;

  - jinnotaw f'reġistru miżmum għal hekk, il-partikolaritajiet fl-att ġudizzjarju msemmi fl-artikolu 174 tal-Kodiċi, id-data tal-preżentata fir-reġistru u n-numru ta' l-uffiċċju tal-kaxxier tar-reġistru immarkat fuq l-att ġudizzjarju, in-numru mogħti mill-awtoritajiet tal-posta lill-envelopp li fih ikun ġie magħluq l-att ġudizzjarju biex jiġi impustat, u, jekk in-notifika tkun saret, id-data ta' dik in-notifika u d-data meta jiġi lura l-avviż tal-konsenja;

  - jagħmlu ċertifikat fejn jingħad jekk in-notifika saritx jew le u li fih għandhom jidħlu wkoll il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 188 tal-Kodiċi;

  - jgħarrfu lill-parti li tippreżenta l-iskrittura, jew lill-avukat jew prokuratur legali tagħha, jekk in-notifika tkunx saret jew le, u jekk tkun saret, meta.[6]

15. Matul iż-żminijiet żviluppat prassi fejn malli l-kumpanija Maltapost p.l.c. tirċievi att ġudizzjarju mill-Qorti sabiex jiġi notifikat bil-posta, tiġi mimlija karta uffiċjalment bl-isem ta' "*Avviz ta' Kunsinna ta' Ittra Reġistrata"* mibgħuta mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali) magħrufa ukoll bħala l-*pink card,* li tkun imwaħħla mal-envelop innifsu u li fiha apparti d-dettalji u l-indirizz tal-persuna li għandha tirċevieha

---

[5] Art. 3(1) tar-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12)
[6] Art 5 *ibid*

jkollha ukoll post fejn tista' tiġi ffirmata mid-destinatarju u mill-uffiċjal tal-posta li jmur biha kif ukoll indikazzjoni ta' jekk l-att ikunx ġie imqassam jew le. Din il-*pink card* imbagħad tintbagħat lir-Reġistratur meta l-uffiċjal eżekutur jkun jista' jħejji r-riferta relattiva skond l-informazzjoni li jsib fuq din il-*pink card.*

16. F'dan il-każ l-ittra uffiċjali in kwistjoni ġiet indirizzata lir-rikorrent u lil martu kollettivament f'żewġ indirizzi differenti, dak tal-Hamrun u dak tal-Fgura. L-ewwel tentattiv ta' notifika, fl-indirizz tal-Ħamrun, kien *unclaimed* u dan jirriżulta mir-riferta għalkemm il-*pink card* relattiva hija totalment nieqsa mid-dettalji. It-tieni tentattiv, fl-indirizz tal-Fgura, jirriżulta illi kien pożittiv u dan billi Jacqueline Bonello iffirmat kemm għall-kopja tagħha u kemm għall-kopja ta' żewġha.

17. Prova importanti, għalkemm mhux konklussiva, ta' fejn tkun tirrisjedi persuna hija l-aħħar edizzjoni tar-Reġistru Elettorali. Din il-prova ma' tressqitx fil-kors ta' din il-kawża. Madanakollu apparti dak li xehed bil-ġurament tiegħu r-rikorrent, kemm l-karta tal-identità tiegħu (maħruġa fl-2014) u kif ukoll il-liċenzja tas-sewqan tiegħu (maħruġa fl-2019) juru l-indirizz tal-Ħamrun bħala l-post fejn joqgħod ir-rikorrent.

18. L-intimat nomine jisħaq fir-risposta tiegħu illi:

    *"Ladarba m'humiex separati legalment allura hemm l-obbligu legali li l-intimati (sic!) jgħixu flimkien. L-artikolu 3A(1) tal-Kap 16 jgħid li 'ld-dar taż-żwieġ għandha tkun stabbilita f'lok li jintagħżel bi qbil bejn il-miżżewġin skont il-ħtiġiet tal-miżżewġin u l-interess ewlieni tal-familja nnifisha.' Allura, fin-nuqqas ta' separazzjoni personali, f'każ ta' notifika lil parti waħda fiż-żwieġ fir-residenza tagħha titqies illi hija notifika valida. L-artikolu 187 preċitat jgħid li att jista' jitħalla f idejn membru tal-familja kif ġara fil-każ in eżami."*

    Jgħid ukoll illi "*karta ta' identità m' hijiex iktar meqjusa bħala prova tal-post ta' abitazzjoni għaliex huwa magħruf illi wiehed jista' jbiddel indirizz fuq karta ta' identità faċilment b'sempliċi dikjarazzjoni*" u li r-rikorrent messu ppreżenta "*numru ta' kontijiet biex juri almenu li verament jirċievi l-posta l-Ħamrun*". In sostenn tal-argumenti tiegħu l-intimat nomine jikkwota s-sentenza fl-ismijiet **<u>George Mario Attard vs Dr Georgine Schembri</u>** (Rik. 86/2017 MH, ECLI:MT:CIVP:2018:111664, 16/04/2018, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili) fejn il-Qorti korrettament qalet illi reġistrazzjoni tal-karta ta' identità fuq residenza f'Għawdex m'hijiex biżżejjed biex tipprova residenza hemmhekk. Però kif ammess mill-intimat nomine innifsu din is-

sentenza ingħatat fil-kuntest tal-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* u mhux fil-kuntest ta' rikors għar-revoka ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12.

19. Fil-verità, darba hemm provi li juru li l-intimat nomine kien jaf bl-indirizz postali tar-rikorrent (tant li l-ittra uffiċjali nħarġet ukoll fl-indirizz tal-Ħamrun) u li żewġ dokumenti uffiċjali jattestaw dan l-indirizz bħala l-post residenzjali tar-rikorrent, l-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita illi r-rikorrent filfatt jgħix fl-indirizz Block J, Flat 6, Housing Estate, Triq Giovanni Barbara, Ħamrun. Inoltre kien jispetta lill-intimat li meta kien ben konxju taż-żewġ indirizzi differenti li kellu fil-pussess tiegħu, jara u jiżgura li l-ittra uffiċjali tiġi notifikata fiż-żewġ indirizzi qabel ma' jipproċedi għall-eżekuzzjoni tagħha. Għalhekk jirriżulta lill-Qorti illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni ma' ġiet notifikata kif imiss lir-rikorrent.

**In-natura ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12**

20. Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: "**Carmelo Bianco noe. v. Jesmond Arnaud et.**" (ECLI:MT:CIV:2020:124164, deċiża 23 ta' Novembru 2020, Rik. Nru. 256/2018): "*L-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A hija att ġudizzjarju sui generis li għandha konsegwenzi drastiċi u mhijiex sempliċiment interpellazzjoni għall-ħlas għaliex fin-nuqqas ta' opposizzjoni entro t-terminu statutorju ta' tletin ġurnata min-notifika l-ittra nnifisha ssir titolu eżekuttiv. Huwa għalhekk illi l-leġislatur ħaseb għal sitt kriterji tassattivi li għandhom jiġu sodisfatti mill-kreditur fil-ħruġ ta' din l-ittra u dan taħt piena ta' nullita' jekk xi waħda minn dawn il-kriterji ma' jiġux osservati skrupolożament. Dawn il-kriterji huma:*

1. *L-interpellanza trid tkun għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut li ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).. B'eċċezzjoni għal din il-kriterju, il-kreditur li jkollu dejn li ma' jkunx għadu likwidat jista' ukoll jintavola l-pretensjoni tiegħu permezz ta' din l-ittra uffiċjali diment illi jillimita l-pretensjoni għal ammont li ma' jeċċedix €25,000 u jirrinunzja b'mod espress għal kull dejn li jeċċedi din is-somma.*[7]

2. *L-ittra uffiċjali għandha tkun skond il-forma stabbilita mill-Avviż Legali 278 tal-2005 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22) u ċioe fl-ittra innifisha għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż*

---

[7] Kap. 12, Art. 166A(1)

*segwenti: "Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."*[8]

3. *L-ittra uffiċjali għandha tkun kkonfermata bil-ġurament mill-kreditur*[9].

4. *L-ittra uffiċjali għandha tiġi notifikata kif imiss lid-debitur*[10].

5. *Fl-ittra għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.*[11]

6. *Fl-ittra għandu ikun hemm intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin (30) jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.*[12]"

**Nullita tal-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża**

21. Kif ingħad diġà jirriżulta lill-Qorti illi waħda minn dawn il-kriterji, sewwasew dik illi d-debitur jrid jiġi notifikat kif imiss, ma' ġietx sodisfatta mill-kreditur ossia' mill-intimat nomine fil-ħruġ tal-ittra uffiċjali in kwistjoni u għalhekk din hija nulla u sejra tiġi revokata mill-Qorti.

22. Il-Qorti però ma' tistax tieqaf hawn. Kif ingħad minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet: **Carmelo Bianco sive Charles ghan-nom tas-Socjeta' Western Company v.Terence Farrugia** (ECLI:MT:CIV:2018:113355, Maġistrat Rachel Montebello, deċiża 26 ta' Settembru 2018):

---

[8] Kap. 12, Art. 166A(2)
[9] Kap. 12, Art. 166A(2)
[10] Kap. 12, Art. 166A(5)(i)
[11] Kap. 12, Art. 166A(2)
[12] Kap. 12, Art. 166A(3)

*"kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u bhala tali ir-regoli proċedurali jehtiegu li jigu osservati rigorozament ... F'kull kaz, billi l-eccezzjoni* (ta' nullita) *hija wahda ta' ordni pubbliku, in-nullita` ta' att gudizzjarju jista' jigi sollevat ex officio mill-qorti nnifisha u dan, f'kull kaz, oltre ghas-setgha ta' din il-Qorti ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12."*

23. Minn eżami tal-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża jirriżulta lill-Qorti illi din ma' tissodisfax il-kriterju tassattiv tal-intestatura speċifika mitluba taħt l-Art. 166A(2) u l-Avviż Legali 278 tal-2005. Filfatt fl-avviż taħt l-intestatura tal-Qorti huma nieqsa l-kliem "*Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali"*. Ma' kienx biżżejjed l-avviż lir-rikorrent illi l-ittra tiġi reża eżekuttiva f''każ illi ma' jweġibx fi żmien tletin ġurnata jew li huwa seta' jippreżenta n-nota risponsiva huwa stess mingħajr l-ħtieġa ta' avukat jew prokuratur legali. L-intimazzjoni speċifika rikjesta mill-leġislatura hija kruċjali u warajha hemm il-ħsieb illi l-persuna li tirċievi l-ittra uffiċjali tintebaħ, jekk hemm bżonn b'ċertu allarm, illi l-ittra li għandha f'idejha mhijiex ittra komuni, imma hija ittra li jeħtieġ li **biha tmur minnufih għand professjonist legali sabiex jieħu l-parir meħtieġ** u tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

24. Għalhekk il-Qorti hija fid-dmir li apparti li tilqa' t-talba tar-rikorrent għad-dikjarazzjoni ta' nullita'  tal-ittra uffiċjali fuq il-bażi li din ma' ġietx notifikata lilu kif suppost, tqajjem ukoll *ex officio* in-nullita' tal-istess ittra fuq il-bażi illi ma' kienetx tissodisfa l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikolu (2) tal-Art. 166A u fl-Avviż Legali 278 tal-2005.

25. Huwa rrilevanti, u l-Qorti ma' għandiex toqgħod tindaga f'dan ir-rigward, jekk effettivament id-debitur, ossia' r-rikorrenti, sofriex xi preġudizzju bin-nuqqas tal-intimazzjoni lilu rikjesta mill-liġi u dan għaliex il-kriterji fuq imsemmija huma tassattivi u għandhom jiġu osservati b'mod skrupoluż tenut kont il-konsegwenzi legali li ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A ġġib magħha f'każ li ma' tiġix kontestata fit-terminu preskritt mill-liġi.

26. Ġaladarba din l-intimazzjoni hija mankanti fl-ittra uffiċjali *de quo* il-Qorti m'għandiex għażla hlief illi tiddikjara n-nullita' tagħha u tirrevokaha għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

27. Għal kull bwon fini, il-premessa fir-rikors tar-rikorrent illi l-ittra hija nulla ukoll għaliex it-titolu eżekuttiv in kwistjoni ittieħed "*b'qerq kbir*" u li l-ammont indikat fl-ittra ma' kienx "*dejn ċert*", m'hijiex premessa li tista' tittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. Dan għaliex il-kwistjoni ta' qerq ma' taqax taħt ebda waħda mill-kawżali taħt l-Art. 166A(5) u inoltre ma' tressqu l-ebda provi (lanqas provi dokumentarji) in sostenn tal-allegazzjoni li l-ammont ma' kienx jikkonsisti f'somma ċerta.

**Deċiżjoni**

28. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti Vincent Bonello u ċioe:**

    1. **tiddikjara nulla u bla effett u tirrevoka l-ittra ġudizzjarja bin-numru 2142/2020 fl-ismijiet premessi maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan ai termini tal-Art. 166A(5)(i) u (ii) tal-istess kapitolu, u**

    2. **tiddikjara nulla u bla effett u tirrevoka ukoll l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 7/2021 maħruġ fl-istess ismijiet fil-5 ta' Jannar 2021 in eżekuzzjoni tal-istess ittra uffiċjali.**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimat nomine.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur